**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Gregory**
**v**

**ANTHONY GRIMA**

**Illum, 25 ta' April, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY GRIMA** ta' tmienja w ghoxrin sena bin Joseph u Tessie nee Galea, imwieled l-Pieta nhar l-hdax ta' April, 1973 u joqghod D36, Triq il-Vittmi tax-Xoghol, Paola, detentur tal-karta tal-identita numru 187973M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti f'dawn ol-ahhar xhur b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' stereos u speakers tal-karozzi, liema oggetti jiswew aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin u liema serq huwa aggravat bil-valur, bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli f'dawn l-ahhar xhur b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat li l-valur taghhom jammonta mhux inqas minn mitt lira maltin u mhux aktar minn elf lira maltin.

Talli nstab fil-pussess ta' oggetti li ma jkunux tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu.

Talli sar recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar s-sittax ta' Lulju, 1990 mill-Magistrat Dottor Carol Peralta.

Il-Qorti rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta' Marzu, 2002.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputat kkopera bis-shih maghha sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tant li r-res furtiva llum l-gurnata tinsab f'idejha.

Semghet l-ammissjoni tal-istess imputat u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif addebitati lilu u cioe dawk ta' serq u recidiva.

Rat li l-ewwel akkuza u cioe dik ta' serq hija akkuza alternattiva ghall-akkuza ta' ricettazzjoni u ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni taghha.

**Fic-cirkostanzi, wara li rat l-fedina penali tal-imputat qiset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, rat il-korroborazzjoni tieghu tiddecidi billi tiillibera lil imputat ANTHONY GRIMA ghal perjodu ta' tlett snin taht l-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**